# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA’ SULDATI

# FIL-FORZI ARMATI TA’ MALTA

# 2023

# KARTA MUDELL

**Istruzzjonijiet**

1. **Dan l-eżami hu magħmul minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f’kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b’kollox.)**
2. **Kull mistoqsija għandha erba‘ possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
3. **NIżżel it-tweġibiet fuq il-ktejjeb ipprovdut.**
4. **Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes. Eżempju, jekk tagħżel it-tweġiba Ċ, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**
5. **Kull mistoqsija fiha żewġ marki**

**Taqsima A:**

**Aqra sewwa t-test t'hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA fuqu:**




**Il-Mistoqsijiet:**

1. Dan t'hawn fuq huwa
a) avviż.
b) riklam.
ċ) invit.
d) riċetta.

2. L-isem tal-kors huwa
a) Livell 5 (MQF).
b) Get Qualified.
ċ) Irfina fil-kitba tal-Malti.
d) Kors imfittex ħafna.

3. L-iskop tal-kors huwa li
a) titgħallem tikteb bil-Malti.
b) tattendi l-Università għal sena.
ċ) titgħallem titħaddet b'Malti xieraq.
d) ttejjeb il-kitba tiegħek bil-Malti.

4. Dan il-kors jintemm
a) f'Jannar.
b) fi Frar.
ċ) f'Marzu.
d) jibqa' sejjer sena wara sena.

5. Il-lezzjonijiet f'Għawdex isiru jekk
a) it-temp ikun bnazzi.
b) japplikaw biżżejjed kandidati.
ċ) ikun hemm post fiċ-Ċentru tax-Xewkija.
d) jinstab għalliem kwalifikat minn Għawdex.

6. Il-11 ta' Jannar 2019 hija l-ġurnata
a) li fiha jibda l-kors.
b) fejn il-lezzjonijiet se jsiru filgħodu biss.
ċ) li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet għall-kors.
d) li fiha jintemm il-kors.

7) Il-frażi "**kors imfittex ħafna**" tfisser li
a) ma tantx huwa popolari mal-istudenti.
b) trid iddum tfittex biex issib il-post tal-lezzjonijiet.
ċ) trid tkun taf sewwa l-Malti biex tapplika.
d) japplikaw ħafna nies għalih.

8. L-istampa fit-test tissuġġerixxi li dan il-kors hu maħsub
a) għat-tfal tal-iskola.
b) għall-adulti
ċ) għall-anzjani.
d) għall-irġiel biss.

9) Wieħed jista' jikseb aktar informazzjoni fuq il-kors
a) billi jċempel direttament lill-Università.
b) imur l-uffiċċju tar-Reġistratur tal-Università .
ċ) jikteb ittra uffiċjali liċ-Ċentru tax-Xewkija.
d) jidħol fis-sit elettroniku mogħti fit-test.

10) Jared Sultana u Emma Terribile li jidhru fl-istampa huma
a) l-organizzaturi tal-kors.
b) għalliema li jgħallmu l-kors.
ċ) żewġ studenti li għamlu l-kors.
d) membri tal-Kunsill Nazjonali tal-Ilsien Malti.

11) Il-verb ‘**Irfina**’ kif użat fit-test huwa
a) fil-passat.
b) fil-preżent.
ċ) fil-futur.
d) fl-imperattiv.

12) Il-frażi ‘**applikanti eleġibbli**’ tfisser
a) studenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa.
b) dawk li jkunu interessati fis-suġġett.
ċ) studenti Maltin li jafu jiktbu sewwa bil-Malti.
d) studenti li joqogħdu Għawdex.

13) In-nom minn ‘**applika**’ huwa
a) aplikazzjoni.
b) applikazzjoni.
ċ) aplikkazzjoni.
d) applikkazzjoni.

14) Is-sena 2019 tinkiteb
a) elfejn u dsatax.
b) elfejn u tsatax.
ċ) elfejn u zatax.
d) elfejn u dsattax.

15) Il-plural ta’ ‘**kors’** huwa
a) korsi.
b) krus.
ċ) korsijiet.
d) korsijjiet.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marki**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

## MANWEL

Manwel kien jilbes imħarbat, u ċ-ċinturin li kien iżomm maqful taħt żaqqu kbira, kien ikabbarlu t-tħarbit ta' ħwejġu. Ġeneralment kien jiġi liebes qmis iċċangjata, qalziet griż skur jagħti fl-iswed u qorq f'riġlejh. Żarbun u peduni ma kien jilbes qatt. Fil-ġranet kesħin kien jilbes is-suf minn fuq u flanella minn taħt. Fil-jiem tax-xita kien jitgħatta b'inċirata qadima. Sajf u xitwa l-għonq tal-qmis kien ikun dejjem miftuħ.

Il-ħxejjex **kien jixtrihom** mill-pitkalija. Kien idur 'l hawn u 'l hinn biex jara kif tkun sejra l-biegħa, iqabbel il-prezz u fejn jaqbillu jqabbel u fejn le jibqa' sejjer. Jekk waqt dan il-ġiri minn pitkal għal ieħor jara xi żewġ tadamiet fl-art ma kienx iħallihom hemm, u dawk iz-zunnarijiet li kienu jitqaċċtu mill-faxx bit-tqandil minn hawn għal hinn, u jsibu ruħhom fil-periklu li jintrifsu u jitkasbru bid-daqqiet tas-saqajn, kien iħenn għalihom, jiġborhom u jitfagħhom fil-benniena tal-karettun biex wara jqegħidhom għall-bejgħ.

Il-Maltin kienu jirrabjaw mhux ftit għal Manwel għax lilhom, billi kien jaf ikellimhom, ma kienx iħallihom jagħżlu u l-Ingliżi, għax kif jgħidilhom ma kienx jaf, kien iħallihom iqallbu u jieħdu l-isbaħ frott.

Skola ma kien jaf xejn. Imma l-kontijiet kien jagħmilhom waħdu u ħadd ma kien jgħaddih minn għajn il-labra. Manwel kien jitkellem bl-imgħawweġ, la raħlija, imma kulħadd kien jifhmu. Jekk il-Malti kien jgħawġu, l-Ingliż ma kienx jitkellmu aħjar. Mhux għax kien jaf l-Ingliż tafux! Iżda għax mingħand in-nisa Ingliżi li kienu jieqfu jixtru mingħandu kien tgħallem xi kelma 'l hawn u 'l hinn u biha kien jiddobba ħażin ħażin. U meta kien itenniha kien jgħawwiġha biċċa sewwa. Il-mod kif kien jistaqsihom iridux patata kien idaħħakna. "Patajtos, lady?" kien jistaqsihom. U n-nisa kienu juru b'idejhom, iqallbu, jagħżlu, jixtru, iħallsu u jitilqu bi tbissima fuq fommhom.

Ġeneralment Manwel kien ikun waħdu, imma xi drabi kien iġib miegħu lil xi wieħed minn uliedu ż-żgħar. Billi kien iqajmu kmieni, kien iwasslu sa Birkirkara rieqed fil-benniena mdendla bejn ir-roti tal-karettun. U għax daqqa t'id mingħandu, rari jekk qatt, kien ikun jeħtieġha, kien jerħilu jorqod kemm irid u kemm jogħġbu.

(Addattata minn "Bejjiegħ il-Ħaxix" ta' Joseph Sciberras)

**Il-Mistoqsijiet:**

16. Liema frażi mill-ewwel paragrafu turi li Manwel ma kienx iżomm ruħu tajjeb?

a) jitgħatta b'inċirata qadima
b) qmis iċċangjata
ċ) kien jilbes imħarbat
d) żarbun u peduni

17. Liema kelma turik li l-għonq tal-qmis ta' Manwel kien ikun dejjem miftuħ?
a) flanella
b) imħarbat
ċ) Ġeneralment
d. jitgħatta

18. Manwel kien
a) jisraq il-ħaxix.
b) isajjar il-ħaxix.
ċ) ibigħ il-ħaxix.
d) iħawwel il-ħaxix.

19. Skont is-silta, liema minn dawn is-sentenzi tiddeskrivi l-aħjar lil Manwel?
a) Manwel kien bniedem xħiħ.
b) Manwel kien bniedem ta' skola.
ċ) Manwel kien jgħajjat ma' kulħadd.
d) Manwel kien jitkellem b'Ingliż tajjeb.

20. Fil-frażi "**kien jixtrihom**" fit-tieni paragrafu, il-pronom **hom** jirreferi
a) għat-tadam.
b) għall-ħxejjex.
ċ) għaz-zunnarija.
d) għall-pitkaliji.

21. X'kien jagħmel Manwel meta kien jara żewġ tadamiet fl-art?
a) jixxuttjahom
b) jiġborhom
ċ) jgħaffiġhom b'saqajh
d) iħallihom hemm

22. Liema kelma ġejja mit-Taljan?
a) żarbun
b) prezz
ċ) ħwejjeġ
d) tbissima

23. Manwel kien jagħmel il-kontijiet
a) waħdu bla għajnuna ta' ħadd minkejja li bla skola.
b) billi jqabbad lit-tifel jiktiblu u jgħoddlu
ċ) billi jsib lil xi ħadd jaf jikteb u jqabbad lilu.
d) permezz tal-calculator li kellu fil-but.

24. X'kien juża Manwel biex iġorr il-ħaxix?
a) vann
b) trakk
ċ) basket
d) karrettun

25. Is-sentenza "**ħadd ma kien jgħaddih minn għajn il-labra**" tfisser
a) kulħadd kien jidħak bih.
b) ħadd ma kien jidħak bih.
ċ) kien iħit bil-labra tal-ħjata.
d) ħadd ma kien jixtri mingħandu.

26. Għaliex ma' Manwel, in-nisa Ingliżi kienu jmorru aħjar minn dawk Maltin?
a) Għax kellu grazzja magħhom.
b) Għax kien jaf jitkellem bl-Ingliż.
ċ) Għax ftit li xejn kien jaf jitkellem bl-Ingliż.
d) Għax kienu jonfqu iktar flus.

27. Fis-silta nsibu l-frażi "**żewġ tadamiet**". Jekk inżidu tnejn oħra magħhom, dawn jiġu
a) erbgħa tadamiet.
b) għerba tadamiet.
ċ) erba' tadamiet.
d) erba tadamiet.

28. X'għandhom komuni l-kelmiet "**jirrabjaw**" u "**jitkellem**"?
a) it-tnejn nomi.
b) it-tnejn verbi.
ċ) it-tnejn aġġettivi.
d) it-tnejn partiċipji.

29. Għaliex Manwel kien iħalli lit-tifel rieqed fil-benniena taħt il-karrettun?
a) Għax it-tifel ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż.
b) Għax it-tifel kien imqareb u jgerrixlu n-nies.
ċ) Għax kien dgħajjef u marradi.
d) Biex ibigħ fil-kwiet u ma jtellfu ħadd.

30. Din is-silta tiddeskrivi

a) raħal tipiku Malti.

b) karattru Malti tal-imgħoddi.

ċ) bejjiegħ tat-toroq modern.

d) bidwi Malti tal-lum.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marka**

**TAQSIMA Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

**Il-Miraklu tas-Seklu**

Erbat itfal mill-grupp indigenu Huitoto, li kien ilhom aktar minn ħames ġimgħat mitlufin fil-ġungla fil-Kolumbja wara li l-ajruplan li kienu fuqu ġġarraf, instabu ħajjin fil-provinċja ta' Caqueta mill-Forzi Armati tal-pajjiż. Kien is-Sibt filgħodu, tal-10 ta' Ġunju 2023 li t-tfal, tlett ibniet u tifel, ittieħdu fil-kapitali Bogota biex jingħataw trattament mediku l-isptar.

Il-missjoni ta' tiftix u salvataġġ għal dawn it-tfal kienet imlaqqma *Operation Hope* u fiha minbarra timijiet ta' nies ta' salvataġġ, intużaw ukoll satelliti, ħelikopters u **klieb imħarrġa** fost oħrajn biex jippruvaw jillokalizzaw lit-tfal fil-ġungla. It-tfal kien ilhom irrapportati nieqsa mill-1 ta' Mejju wara li ajruplan tat-tip Cessna 206 li kien qed iġorr seba' persuni bejn Araracuara f'Caqueta u San Jose del Guaviare, irrapporta li għandu problemi serji minħabba l-magni. Tliet adulti, fosthom żewġ bdoti u omm it-tfal, mietu meta l-ajruplan iġġarraf. Il-katavri tagħhom instabu fl-ajruplan. L-aħwa ta' tlettax-il sena, disa' snin, erba' snin u tarbija ta' ħdax-il xahar, salvaw mill-inċident u qabdu triqithom ifittxu l-għajnuna u joħorġu mill-ġungla.

In-nies tas-salvataġġ ħabtu se jaqtgħu qalbhom li jsibu lit-tfal ħajjin imma qawwewha meta ltaqgħu ma' marki tas-saqajn u xi frott mikul li kien jindika li t-tfal għadhom ħajjin. L-awtoritajiet waddbu permezz ta' helicopters, mal-10,000 fuljett miktub bl-Ispanjol u bil-lingwa indiġena tat-tfal bi struzzjonijiet ta' x'għandek tagħmel biex issalva fil-ġungla.

Imma t-tfal jidher li kellhom ħafna mill-ħiliet meħtieġa biex jagħmlu dan, ħiliet li tgħallmuhom minn ċkunithom fil-komunità indiġena tagħhom. It-tifla l-kbira Lesly, ħadet ħsieb ħutha kollha u bniet ilqugħ biex jistkennu, magħmul minn friegħi tas-siġar li rabtithom flimkien permezz ta' qfieli li kellha ma' xagħarha. Ġabret ukoll id-dqiq li kien hemm fl-ajruplan imġarraf u sajritu, u meta dan spiċċa kienet kapaċi tagħżel iż-żrieragħ u l-frott li mhumiex velenużi.

Issa, l-aħwa jinsabu batuti imma kuntenti li qed jaraw il-qraba tagħhom. Huma bdew jitkellmu xi ftit u tnejn minnhom bdew jilagħbu wkoll. Tnejn mill-aħwa, it-tarbija ta' sena u t-tifla ta' ħames snin, qattgħu għeluq sninhom fil-ġungla. Il-kmandant tal-armata, il-Ġeneral Pedro

Sanchez stqarr li kien hemm mumenti fejn is-suldati kienu biss 50 metru ’l bogħod mit-tfal waqt it-tfittxija, qabel dawn instabu. Il-President Gustavo Petro ippubblika ritratt fejn membri tas-salvataġġ tal-armata Kolombjana jidhru jisqu u jerfgħu lit-tfal.

Il-komunità indiġena tat-tfal saħqet fuq l-importanza li t-tfal ikunu mgħallma jgħixu fil-qrib ma’ ommna n-natura.

*Tagħrif meħud minn diversi siti tal-aħbarjiet*

**Il-Mistoqsijiet**

31. It-tfal kienu ilhom mitlufin
a) mill-10 ta’ Ġunju.
b) aktar minn ħames ġimgħat.
ċ) 13-il jum.
d) ġimgħa sħiħa.

32. L-ajruplan ‘**iġġarraf** ’ tfisser li dan
a) ħa n-nar.
b) sploda fl-ajru.
ċ) waqa’ mis-sema.
d) spiċċalu l-fuel.

33. It-tfal kienu erba’ persuni,
a) żewġ subien u żewġt ibniet.
b) tlett ibniet u tifel.
ċ) erba’ subien.
d) tifla u tliet subien.

34. Waqt li kienu mitlufin fil-ġungla, l-iżgħar fosthom għalaq
a) 13-il sena.
b) erba’ snin.
ċ) sena.
d) ħames snin.

35. Id-diżgrazzja seħħet għax l-ajruplan
a) inqabad f’maltempata kbira.
b) ħa rotta ħażina u ħela ħafna fuel.
ċ) żviluppatlu ħsara fil-magni.
d) tar wisq fil-baxx u laqat xi siġar tal-ġungla.

36. Il-kapitali tal-Kolumbja hija
a) San Jose de Guaviare.
b) Caqueta.
ċ) Gustavo Pedro.
d) Bogota.

37. Iż-żewġ bdoti u omm it-tfal instabu
a) qawwijin u sħaħ flimkien mat-tfal.
b) mejtin fl-ajruplan.
ċ) nofshom mikulin mill-annimali tal-ġungla.
d) ħajjin imma feruti gravi fl-ajruplan.

38. Skont dak li qrajt f'din is-silta, it-tfal kienu jifhmu u jaqraw
a) il-lingwa indiġena tagħhom biss.
b) l-ispanjol biss.
ċ) il-lingwa indiġena tagħhom u l-Ispanjol.
d) l-Ispanjol tal-Kolumbjan.

39. Waqt it-tfittxija, in-nies tas-salvataġġ għamlu l-qalb għax sabu
a) ilqugħ magħmul mill-friegħi tas-siġar.
b) fuljetti bl-istruzzjonijiet.
ċ) marki tas-saqajn u frott mikul.
d) dqiq u żrieragħ.

40. It-tfal salvaw fil-ġungla għaliex
a) kienu mdorrijin jimxu fit-tul.
b) ma damux ma nstabu.
ċ) kellhom il-ħiliet meħtieġa biex ikampaw fil-ġungla.
d) qraw il-fuljetti li tefgħulhom.

41. It-tfal instabu
a) mill-Ġeneral Pedro Sanchez.
b) mill-komunità indiġena tat-tfal.
ċ) mill-President Gustavo Petro.
d) mill-membri tas-salvataġġ tal-Armata.

42. Agħżel is-sentenza **li ma taqbilx** mas-silta:
a) Is-suldati kienu qrib ħafna li jsibu lit-tfal.
b) Kien hemm żmien meta ħasbu li mhux se jsibuhom.
ċ) Lesly, it-tifla l-kbira, abbandunat lil ħutha ż-żgħar.
d) Meta nstabu, t-tfal kellhom bżonn trattament mediku.

43. "**Qawwew qalbhom**" tfisser
a) għamlu kuraġġ.
b) saru vjolenti.
ċ) tilfu l-paċenzja.
d) ħassewhom iddispjaċuti.

44. Is-singular ta "**qfieli**" huwa
a) qoffa
b) qafla
ċ) qfief
d) felli

45. 10,000 fuljett tinkiteb hekk:
a) għaxart elef fuljett
b) għaxar telef fuljett
ċ) għaxar elef fuljett
d) għaxart elf fuljett

46. Kif użata fis-silta, "**Klieb imħarrġa**" tfisser klieb
a) miżmuma dejjem barra.
b) mgħallma kif ifittxu.
ċ) ittrenjati għall-ġlied.
d) imrobbija fil-ġungla.

47. Agħżel il-kelma li hija **verb**.
a) tfittxija
b) fittex
ċ) fittiexa
d) tfittix

48. Il-kelma "**bdoti**" hija
a) nom fil-plural sħiħ.
b) nom fil-plural miksur.
ċ) nom fl-għadd imtenni.
d) nom fil-kollettiv.

49. "**għeluq sninhom**" hija frażi li fiha
a) verb.
b) pronom.
ċ) aġġettiv.
d) l-artiklu.

50. Il-komunità indiġena tat-tfal tisħaq fuq l-importanza
a) li nkunu mgħallma fuq in-natura ta' madwarna.
b) li l-armata tkun attrezzata b' helicopters u satelliti.
ċ) li l-ajruplani ssirilhom manutenzjoni.
d) li ma nersqux lejn il-ġungla.

**20 mistoqsija x 2 marki = 40 marka**

**TMIEM IL-KARTA**